

Brussell, 28 ta' Marzu 2022
(OR. fr)

7417/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0330(NLE)**

**ACP 33
WTO 44
COAFR 82
RELEX 382
UD 62**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	13050/21 + ADD 1 - COM (2021) 637 final
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Speċjali dwar il-Faċilitazzjoni Doganali u Kummerċjali stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC) aderenti mal-FSE, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni prevista tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Speċjali dwar il-Faċilitazzjoni Doganali u Kummerċjali

1. Fl-20 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Speċjali dwar il-Faċilitazzjoni Doganali u Kummerċjali u fil-Kumitat Speċjali dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u l-Kummerċ fl-Inbejjed u l-Ispirti stabbiliti mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC) aderenti mal-FSE, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni prevista tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Speċjali dwar il-Faċilitazzjoni Doganali u Kummerċjali u tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Speċjali dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u l-Kummerċ fl-Inbejjed u l-Ispirti¹.

¹ 13050/21 + ADD 1

2. Peress li kienu meħtieġa diskussjonijiet ulterjuri mal-Istati tal-SADC aderenti mal-FSE dwar l-abbozz ta' Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Speċjali dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u l-Kummerċ fl-Inbejjed u l-Ispirti, ġie deċiż li l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill jinqasam fi tnejn sabiex tkun tista' ssir l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Speċjali dwar il-Faċilitazzjoni Doganali u Kummerċjali.
3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP eżamina l-abbozz emendat ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u laħaq qbil dwar it-test fil-15 ta' Marzu 2022.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:
 - jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, fisem l-Unjoni, fil-Kumitat Speċjali dwar il-Faċilitazzjoni Doganali u Kummerċjali stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC) aderenti mal-FSE, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni prevista tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Speċjali dwar il-Faċilitazzjoni Doganali u Kummerċjali, kif jinsab, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti, fid-dokumenti ST 7222/22 + ADD 1;
 - jippubblika d-Deċiżjoni tal-Kunsill fil-Ġurnal Uffiċjali;
 - jippubblika d-Deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE, ladarba tkun adottata, fil-Ġurnal Uffiċjali;
 - jinforma lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill.